Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10667 – VESA / POSTNL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 199/09)

1. Fis-6 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Vesa Equity Investment S.à.r.l. ("Vesa", il-Lussemburgu),

— PostNL N.V. ("PostNL", in-Netherlands).

Vesa takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' PostNL.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Vesa: mezz ta' investiment ikkontrollat minn Daniel Křetínsky, ċittadin tar-Repubblika Ċeka. Křetínský għandu interessi f'kumpaniji attivi fis-setturi tal-enerġija, l-utilitajiet, il-media u l-kummerċ elettroniku,

— PostNL: kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata kkwotata fil-Borża ta' Amsterdam. L-attivitajiet kummerċjali ewlenin ta' PostNL huma l-ġbir, l-issortjar u t-twassil tal-posta, tal-pakketti u ta' oġġetti oħra fin-Netherlands, fil-Belġju, fil-Lussemburgu u fir-Renju Unit. Hija l-fornitur maħtur tal-obbligu ta' servizz universali (universal service obligation, USO) fin-Netherlands.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10667 – VESA / POSTNL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË